



Brussell, 4 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9294/21

LIMITE

JAI 649
FREMP 154
AG 44
POLGEN 86

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	4 ta' Ġunju 2021
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Stat tad-Dritt fil-Polonja - Artikolu 7(1) TUE, Proposta Motivata - l-ambitu tas-smiġħ tal-Polonja fit-22 ta' Ġunju 2021

1. Fl-20 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni adottat proposta motivata rigward is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Polonja li hija ppreżentat lill-Kunsill, biex b'hekk skattat il-mekkaniżmu li jinsab fl-Artikolu 7(1) TUE¹.
2. L-aġenda proviżorja għal-laqqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fit-22 ta' Ġunju 2021 tinkludi punt "Stat tad-Dritt fil-Polonja / Artikolu 7(1) TUE Proposta Motivata – L-ambitu tas-smiġħ tal-Polonja f'konformità mal-Artikolu 7(1) TUE".
3. Fit-18 ta' Lulju 2019, il-Kunsill approva modalitajiet standard għas-smiġħ imsemmi fl-Artikolu 7(1) TUE². Dawn il-modalitajiet jistabbilixxu li l-ambitu sostantiv tal-kwistjonijiet li għandhom jiġu koperti minn smiġħ għandu jiġi approvat mill-Coreper f'konformità mal-ambitu tal-kwistjonijiet li tqajmu fil-Proposta Motivata li skattat il-proċedura tal-Artikolu 7(1) TUE.

¹ 16007/17

² 10641/2/19 REV2

4. Il-Kunsill sema' lill-Polonja tliet darbiet: fis-26 ta' Ġunju, fit-18 ta' Settembru u fil-11 ta' Diċembru 2018.
5. B'kont meħud taż-żmien li għadda mill-aħħar seduta ta' smigħ tal-Polonja u li setgħu saru żviluppi sinifikanti, huwa ssuġġerit li r-raba' seduta ta' smigħ tal-Polonja fit-22 ta' Ġunju 2021 tkopri l-kwistjonijiet kollha mqajma fil-Proposta Motivata tal-Kummissjoni, sabiex il-Kunsill jirċievi stampa aġġornata tas-sitwazzjoni fl-Istat Membru inkwistjoni.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Coreper huwa mistieden jaqbel li l-kwistjonijiet li għandhom jiġu koperti mis-smigħ tal-Polonja fit-22 ta' Ġunju 2021 ser ikunu daww kollha mqajma mill-Proposta Motivata tal-Kummissjoni (16007/17).
